MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 110/2012

**Frank Borda Limited**

**Vs**

**Veronica Brincat (ID 222865M) u Tiziana Brincat (ID 338185M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta’ Frar, 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ tlett elef u erba’ mitt ewro u tmienja u tmenin centezmu (€3,400.88) in solidum bejniethom rapprezentanti import ta’ ghaxar kambjali skaduti u mhux imhallsa (Dok A).

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala kontra l-konvneuti, bl-ingunzjuni in subizzjoni tal-konvenuti.

Il-konvenuti pprezentaw risposta fejn eccepiet illi l-talba attrici hija nfondata filfatt u fid-dritt u qedgha tigi kontestata in toto.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

Dan il-kaz jirrigwarda billi l-konvenuta Veronica Brincat kienet harget karozza minghand is-socjeta’ attrici flimkien ma zewgha. Wara separazzjoni r-ragel irritorna l-karozza ghand is-socjeta’ attrici izda l-konvenuta Veronica Brincat riditha u marret terga taghmel kuntratt gdid mas-socjeta’ attrici f’liema kuntratt gie inkluz l-ammont li kien dovut minn zewgha. Ghalhekk Veronica Brincat fit-tieni kuntratt li ghamlet kellha tghati lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ seba’ telef sitt mija diagha u sittin lira maltin (Lm 7,669) u cioe ekwivalenti ghal sbatax-il elf tmien mija tlieta u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€17,863.96) li flimkien ma elfejn u sebghin lira maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm2,070.72) u cioe ekkwivalenti ghal erba’ telef tmien mija u tlieta u ghoxrin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€4,823.48) li huma interessi u charges jammontaw ghall-ammont dovut ta’ disa’ telef seba’ mija disgha u tlettin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm9,739.72) u cioe’ ekwivalenti ghal tnejn u ghoxrin elf sitt mija sebgha u tmenin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€22,687.44). Minn dan l-ammont il-konvenuta halest elf lira Maltin (Lm1,000) u cioe ekkwivalenti ghal elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) u b’hekk fadal l-ammont ta’ tmien t’elef seba’ mija disgha u tlettin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm 8,739.72) u cioe ekkwivalenti ghal ghoxrin elf tlett mija tmienja u hamsin ewro u sebgha centezmi (€20,358.07) li ghalihom flimkien ma bintha Tiziana iffirmat disgha u hamsin (59) kambjala ta’ mija sitta u erbghin lira Maltin (Lm146) u cioe’ ekkwivalenti ghal tlett mija u erbghin ewro u disgha centezmi (€340.09) u wahda ta’ mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm124.72) u cioe’ ekkwivalenti ghal mitejn u disghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€290.52).

Illi gara li  sena wara l-konvenuta rritornat il-vettura din giet stmata hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin ewro sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) u naqsu minnhom ammont illi t-Tribunal qed ihoss li huwa esagerat ta’ tlett elef mitejn tmienja u sebghin ewro u sitta u sittin centezmu (3,278.66) liema ammont ta’ spejjez ma gie

ikkonfermat bl-ebda gurament min minn ghamel dawn it-tiswijiet. Ghalhekk il-karozza giet tiswa tmien t'elef tlett mija tmienja u sittin ewro u wiehed u ghoxirn centezmu (€8,368.21).

B'hekk il-konvenuta kellha tghati ghoxrin elf tlett mija tmienja u hamsin ewro u sebgha centezmi (€20,358.07) u cioe ekkwivalenti ghal tmien t'elef seba' mija disgha u tlettin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm 8,739.72) li minnhom trid tnaqqas tmien t'elef tlett mija tmienja u sittin ewro u wiehed u ghoxirn centezmu (€8,368.21) li tiswa l-karozza wara li giet rritornata.

Is-socjeta' attrici minflok naqset l-ammont tal-karozza tmien t'elef tlett mija tmienja u sittin ewro u wiehed u ghoxirn centezmu (€8,368.21) minn ghoxrin elf tlett mija tmienja u hamsin ewro u sebgha centezmi (€20,358.07) li jigi tnax-il elf erbgha mija disa' u hamsin ewro u sitta sittin centezmu (€12,459.66) u fethet kawza fuq dan l-ammont qabdet ghaxar (10) kambjali u fittxet lil konvenuta ghalihom. Jekk is-socjeta' attrici tibqa' taghmel hekk bil-kambjali kollha allura l-konvenuta ma jithallsux tal-vettura li s-socjeta' attrici accettat lura.

L-ammont tal-kambjali ghandu jigi kkunsidrat fl-intier tieghu biex minnu jitnaqqas il-valut tal-vettura rritornata. Pero' hawnhekk it-Tribunal iqajjem il-kompetenza ratione valoris ghaliex biex wihed jaghmel gustizzja minn dan il-kaz irid ihares lejn l-ammonti fl-intier taghhom, liema ammonti jezerbitaw il-kompetenza tat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal iqajjem il-kwistjoni tal-kompetenza ratione valoris u ghalhekk jiddikjara li mhux kompetenti biex jiddecidi dan il-kaz.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------